**Partit Nazzjonalista**
13 Ġunju 2020
Dokument mehmuż mal-istqarrija tal-PN tal-lum:

**Verżjoni tal-abbozz tal-istatut (Artikoli 1 u 2) – Isem, Viżjoni u Missjoni adottat mill-Kumitat Eżekuttiv fil-laqgħa tiegħu tat-12 u 13 ta' Ġunju 2020 u li ser jiġi sottomess għall-approvazzjoni tal-Kunsill Ġenerali.**

**Isem**

1). (1) L-isem uffiċjali tal-Partit huwa Partit Nazzjonalista. Il-Partit huwa mwaqqaf f'Malta u Għawdex huwa membru tal-Partit Popolari Ewropew (PPE).

(2) Il-Partit Nazzjonalista huwa l-partit tan-nies bħala sinjal tal-vokazzjoni mistennija minn kull membru tal-partit li jservi biss l-interess tal-ġid komuni tal-poplu Malti u Għawdxi.

**Viżjoni u Missjoni**

2). (1) L-għan ewlieni tal-Partit Nazzjonalista hu l-iżvilupp tan-nazzjon b'mod l-iktar sħiħ, ġust, demokratiku u sostenibbli għat-tgawdija ta' kulħadd bil-ħarsien u t-twettiq tal-ġid komuni.

(2) Il-pern tal-missjoni tal-partit huwa l-benessere ta' kulħadd, f'rispett sħiħ għall-valur tal-ħajja umana, għad-dinjità inaljenabbli ta' kull persuna umana u għall-jeddijiet tagħha fi fraternità ta' bnedmin f'umanità waħda b'diversità ta' kulturi.

(3) Il-partit jimpenja ruħu li jaħdem għat-titjib tal-kwalità tal-ħajja ta' kull persuna imsejsa fuq il-libertà, d-demokrazija, l-ekwità, l-inklużjoni, u l-ġustizzja soċjali fi Stat fejn tirrenja s-saltna tad-dritt.

(4) Il-partit iħares lejn il-politika bħala l-ogħla sejħa u impenn għal servizz b' rieda tajba fl-interess tal-poplu u bħala għodda fejjieda u lajka fir-realtà tal-ħajja ta' kuljum li jaffaċċjaw in-nies.

(5) Fil-ħidma tiegħu l-partit ifittex li l-Istat ikun il-qaddej ta' niesu. Dan għandu jsir billi d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod trasparenti dejjem fl-eqreb livell tan-nies skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà bis-sehem attiv ta' kull ċittadin.

(6) Il-partit jemmen bis-sħiħ li f'dinja globalizzata s-solidarjeta' hija t-tarka ewlenija biex ħadd ma jibqa' lura fil-mixja tal-iżvilupp ekonomiku, soċjali u ambjentali u fis-servizzi li joffri l-Istat.

(7) Il-partit jibqa' jgħasses biex għall-ġejjieni l-poplu jkompli jgawdi l-aqwa ġid. Għalhekk jispikka s-sehem ewlieni tiegħu fil-modernizzazzjoni ta' pajjiżna. Il-kisbiet tal-Indipendenza u s-sħubija fl-Unjoni Ewropea huma fost il-kisbiet storici li sawruna f'nazzjon sovran, modern u Ewropew.

(8) Filwaqt li jħaddan soċjetà dejjem iżjed pluralistika u multi-kulturali, il-partit jemmen f'soċjetà inklussiva fejn tixxettel l-għaqda b'kultura ta'djalogu fir-rispett tad-diversità ta' fehmiet u twemmin, u fejn jiġġieled kull forma ta' mibgħeda u vjolenza.

(9) Il-partit iqis id-dinja bħala d-dar komuni tagħna u tal-ġenerazzjonijiet futuri. Għaldaqstant jagħraf li l-aqwa mezz biex iseddaq kwalità ta' ħajja aħjar għal kulħadd hu li bi priorità jħares u jippromwovi l-ambjent, ir-riżorsi naturali, il-beni komuni u l-ispazji pubbliċi. Il-partit iqis l-ambjent bħala parti essenzjali mill-wirt komuni tal-bniedem. F'dan kollu jagħti priorità lit-tibdil fil-klima u dan jagħmlu b'kejl li jqis il-ġustizzja ambjentali u l-interessi tal-ġenerazzjonijiet futuri.

(10) Il-partit iwettaq dawn il-prinċipji u jimpenja ruħu li jaħdem biex:

A. Kulħadd jiżviluppa u jgawdi saħħtu, mill-konċepiment sa l-aħħar nifs, bl-enfasi fuq il-kwalità tal-ħajja, f'familja mibnija fuq l-imħabba, mingħajr id-dellijiet ta' faqar, diskriminazzjoni, abbuż u eskluzjoni;
B. Kulħadd, tul ħajtu, jkollu l-opportunità għall-edukazzjoni u li jiżviluppa l-ħiliet individwali tiegħu bl-għajnuna tal-aqwa tagħlim u appoġġ ippersonalizzat, u li jipparteċipa bis-sħiħ fil-ħajja tal-familja, tax-xogħol u tas-soċjetà ċivili;
C. kulħadd jieħu sehem fl-iżvilupp ekonomiku li jkattar xogħol dinjituz imħallas b'mod ġust, u f'qafas ta' istituzzjonijiet li jħarsu l-interessi tal-ħaddiema u l-impriżi, partikolarment dawk żgħar u medji, li jippromwovu l-inizjattiva u l-imprenditorjalità b'investiment qawwi fil-faċilitajiet tar-riċerka, x-xjenza, t-teknoloġija u l-innovazzjoni;
D. Kulħadd jibbenefika mit-tkattir tal-faċilitajiet kulturali u jistgħana fl-għarfien u l-imħabba tal-wirt storiku, kulturali u tal-arti sabiex nibqgħu niġġeddu soċjalment bil-ħilijiet kreattivi u artistiċi tal-poplu tagħna; u
E. Il-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri jkollhom Stat li jibqa' jagħmel kemm jista' sabiex iseħħu l-paċi u l-ġustizzja f'Malta, fl-Ewropa, u fid-dinja, l-aktar fil-Mediterran fejn jiltaqgħu u jitħaltu ċiviltajiet differenti.

(11) Il-partit jimpenja ruħu li jimxi fuq dawn il-prinċipji fl-istess waqt li jfittex li jaħdem bis-sħiħ ma' kull persuna, entità u volontarjat fis-soċjetà li għandhom għal qalbhom il-ġid komuni tal-poplu Malti u tal-bnedmin.

**English version of draft new statute (Articles 1 & 2) – Name, Vision and Mission – adopted by the PN Executive Committee at its meeting held on the 12 and 13 June 2020 and which will be submitted to the party's General Council.**

## 1. Name

1.1 The official name of the party is Partit Nazzjonalista. The party is established in Malta and Gozo and is a member of the European People's Party (PPE).

1.2 Partit Nazzjonalista is the people's party signalling the vocation expected of each party member to only serve the interest of the common good of the people of Malta and Gozo.

## 2. Vision and Mission

2.1 The principal aim of the Partit Nazzjonalista is the development of the nation in the most inclusive, fair, democratic and sustainable manner for the benefit of all to safeguard and realise the common good.

2.2 The mission of the party revolves around the well-being for all, fully respecting the value of human life, the inalienable dignity and rights of each human being in the fellowship of people through common humanity and cultural diversity.

2.3 The party commits itself to strive to improve the quality of life of every person, founded upon freedom, democracy, equity, inclusion, and social justice in a State governed by the Rule of Law.

2.4 The party views politics as the highest calling and commitment to service and goodwill in the public interest and as a viable and secular tool within the reality of everyday life which people experience.

2.5 In its actions, the party considers the State to be the servant of its people. This is achieved through decision-making which is transparent and close to the people in line with the principle of subsidiarity with the active participation of each citizen.

2.6 The party firmly upholds that, in a globalised world, solidarity is the main safeguard to ensure that nobody is left behind in the advancement of economic, social and environmental development, and in the services offered by the State.

2.7 The party is vigilant in order to ensure that people continue to prosper in future. Therefore it focuses on its leading role in the modernisation of our country. Attaining Independence and membership of the European Union are among the historic achievements which established our sovereign, modern and European nation.

2.8 While embracing an increasingly pluralistic and multicultural society, the party advocates inclusivity and the fostering of unity in a culture of dialogue which respects diversity of opinions and beliefs, and opposes any hatred or violence.

2.9 The party [considers the world as our common home and that of future generations. We] recognise that, in order to improve quality of life for all, it is a priority to protect and promote the environment, natural resources, common assets and open spaces. The party considers the environment to be part of the common heritage of mankind. The party focuses on climate change, balancing environmental justice with the interests of future generations.

2.10 The party upholds these principles and commits itself to work so that:

a. Everyone develops and enjoys good health, from conception to the last breath, with an emphasis on quality of life, in a family founded upon love, without threats of poverty, discrimination, abuse and exclusion;

b. Everyone, throughout life, has educational opportunities and is able to develop their abilities with teaching of a high standard and personalised support to fully participate in family life, work and civil society;

c. Everyone participates in economic development that creates employment with dignity at work and equitable pay, within a framework of institutions that safeguard the interests of workers and of enterprises, especially small and medium ones, and that promote initiatives and entrepreneurship with major investment in facilities for research, science, technology and innovation;

d. Everyone benefits from the expansion of cultural facilities, broadening their knowledge and appreciation of historical and cultural heritage as well as the arts, to encourage social innovation through the creative and artistic skills of our people; and

e. Present and future generations have a State which strives to foster peace and justice in Malta, in Europe and in the world, especially in the Mediterranean, a region of encounter and cross fertilization of diverse civilizations.

2.11 The party commits itself to follow these principles while endeavouring to work with every person, entity and voluntary organisation in society who has at heart the common good of the Maltese people and of humanity.